

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' Diċembru 2010 — Wohlfahrt vs UASI — Ferrero (Kindertraum)**

(**Kawża T-580/10**)

(2011/C 63/55)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrent: Harald Wohlfahrt (Rothenburg o.d. Tauber, il-Ġermanja) (rappreżentant: N. Scholz-Recht, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Ferrero SpA (Alba, l-Italja)

**Talbiet tar-rikorrent**

- tannulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tas-27 ta' Mejju 2009 (Oppożizzjoni Nru B 668 600) u d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-20 ta' Ottubru 2010 fil-Każ R 815/2009-4;
- tippermetti r-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja "Kindertraum", Applikazzjoni Nru 002773059, għall-prodotti kollha fil-klassijiet 16 u 28 inklużi fl-applikazzjoni għal reġistrazzjoni;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Applikant għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrent

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "Kindertraum" għal prodotti fil-klassijiet 15, 16, 20, 21 u 28

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Ferrero SpA

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: total ta' 32 trade mark preċedenti li fihom il-kelma "kinder" xi uħud minnhom figurattivi, oħrajn bħala element verbali ta' trade mark u oħrajn b'mod iżolat, b'mod partikolari t-trade mark verbali Taljana "kinder" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 16, 28, 30 u 42

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni milqugħha u applikazzjoni għal reġistrazzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 42(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (<sup>1</sup>) minħabba nuqqas ta' prova ta' użu wara l-isakdenza tal-perijodu ta' grazzja matul il-proċedimenti ta' oppożizzjoni. Nuqqas ta' ġustifikazzjoni formali tad-deċiżjoni kkontestata, peress li fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord tal-Appell ma kienx ikkunsidra l-motivi mriessqa wara dan l-appell u l-oġġezzjoni

għat-trade mark. Barra minn hekk, hemm reġistrazzjoni ta' trade mark abbużiva, peress li l-uniku għan tal-proprietarju tat-trade mark preċedenti kien li jara kif jagħmel sabiex jimmopolizza t-terminu "kinder". Fl-aħħar nett, hemm ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, peress li ma hemm ebda probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks kunfliegħenti.

(<sup>1</sup>) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' Diċembru 2010 — X Technology Swiss GmbH vs UASI**

(**Kawża T-581/10**)

(2011/C 63/56)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: X Technology Swiss GmbH (Wollerau, l-Isvizzera) (rappreżentanti: A. Herbertz, R. Jung, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Brawn LLC (Weekhawken, l-Istati Uniti)

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tannulla d-Deċiżjoni R 1580/2009-1 tas-6 ta' Ottubru 2010 tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni);
- tikkundanna lill-kovenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Applikant għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "X-Undergear", għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 23 u 25

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Brawn LLC

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: trade marks nazzjonali u Komunitarji "UNDERGEAR" għal prodotti fil-klassi 25

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni milqugħha

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud